MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 931/1997/1

Saviour Azzopardi
vs
Forzi Armati ta' Malta

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1988 u l-1992 ir-rikorrent sofra ingustizzja meta ma nghatax promozzjonijiet li kien jikkwalifika ghalihom.

Illi l-fatti fil-qosor kienu kif gej:

Illi r-rikorrent kien dahal fil-Forzi Armati ta' Malta fl-1979 bhala Bumbardier wara li kien spicca minn perjodu ta' hmistax-il sena servizz mas-Sezzjoni tat-Tifi tan-nar f'Hal Luqa fi grad ta' Civilian Fire Fighter.

Illi fl-1988 u l-1989 meta r-rikorrent kien jokkupa l-grad ta' Bumbardier kienu hargu promozzjonijiet ghar-rank ta' Surgent. Pero' r-rikorrent ma kienx inghata l-ebda promozzjoni u nqabez minn ohrajn li ma kellhom la kwalifikazzjonijiet, la esperjenza u l-anqas seniority daqsu.

Illi kien proprju fl-1992 li r-rikorrent kien inghata promozzjoni ghall-Surgent.

Illi l-ilment principali tar-rikorrent jikkonsisti fil-fatt li, li kieku huwa ma nqabizx fil-promozzjonijiet imsemmija, illum huwa kien ikun eligibbli ghall-promozzjoni ta' *Warrant Officer* stante li huwa ghandu l-kwalifikazjonijiet necessarji kollha.

Illi ghalhekk ir-rikorrent ssottometta illi huwa kien gie mtellef ingustament l-opportunita` li javvanza fil-karriera tieghu bir-rizultat li sofra danni finanzjarji.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal sabiex joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment tieghu skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jinghata l-promozzjonijiet kollha li gie mtellef u dan b'effett mid-data minn meta hargu l-istess promozzjonijiet, u li jigi kkumpensat ghal dak kollu li tilef ingustament, kif tiddeciedi l-Qorti, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li huwa jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont li tiddeciedi din l-Onorabbli Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu semma s-segwenti:

Illi jidher li r-rikorrent ghamel riferenza ghall-promozzjonijiet li saru b'effett mill-11 ta' Mejju 1988.

Illi dwar l-ezercizzju tal-promozzjonijiet fil-Fire Section (Airport Company) li kien sar b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji kienet irrakkomandat u l-Ufficju tal-Prim Ministru kien approva, biex isir ezecizzju gdid li jinkludi l-membri kollha tal-Fire Section. Dan l-ezercizzju kien ibbazat fuq il-principju li l-Officer Commanding tal-Fire Section jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu ibbazati fuq "*present capabalities*" ta' kull membru u jigu elenkati skond ordni ta' mertu ghall-promozzjoni fir-rank li jmiss.
F'dan l-ezercizzju kien gie stabbilit li fil-1988 fost ohrajn kienu jezistu zewg vakanzi ghall-promozzjoni minn Bumbardier ghal Surgent. Illi minn dan l-ezercizzju rrizulta li l-individwi li kellhom jigu promossi fl-1988 u li gew l-ewwel tnejn fil-lista li rrakkomanda l-Officer Commanding tal-Fire Section kellhom ikunu zewg bumbardiera li wara kollox fl-1988 kienu diga` *senior* tar-rikorrent u li fil-promozzjonijiet b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 irrizulta li ma kienux gew promossi bhar-rikorrent.

Illi tajjeb wiehed jinnota li fl-1992 ir-rikorrent kien gie promoss ghar-rank ta' Surgent. Barra minn hekk, ma rrizultax li hu kien ghamel xi applikazzjoni lill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ghall-fatt li fl-1988 hu kien gie maqbuz. Irrizulta wkoll li ghalkemm huwa kien ressaq l-ilment tieghu quddiem l-ufficjal kmandant tieghu ta' dak iz-zmien, hu ma kienx talab biex ikompli jressaq l-ilment tieghu quddiem il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' dak iz-zmien u jidher li kien ikkuntenta bir-rimedju jew risposta li tah l-ufficjal kmandant.

Illi billi fil-kaz tal-promozzjonijiet imsemmija cioe` tal-1988 f'dak li jirrigwardja l-Fire Section il-Kummisjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji kienet irrakkomandat revizjoni shiha, il-posizzjoni tar-rikorrent fil-1988 kienet giet mizmuma awtomatikament.

Ghaldaqstant ma jistax ir-rikorrent li oltre li nghata l-promozzjoni ghar-rank ta’ Surgent fl-1992 jitqies li kellu jigi promoss mill-1988 cioe` li l-promozzjoni tieghu tigi *backdated* sa mill-11 ta’ Mejju 1988 ghaliex fi kwalunkwe kaz, il-vakanzi li kienu gew iddikjarati li kienu jezistu fl-1988 kienu ta’ tnejn u li dawn, b’rizultat tal-ezercizzju li sar u li hu msemmi aktar ‘il fuq gew moghtija liz-zewg bombardiera li kienu kunsidrati bhala l-ewwel tnejn fl-ordni tal-mertu msemmija. *In ogni caso* r-rikorrent kien *junior* ta’ dawn it-tnejn.

Illi dak li qed isemmi r-rikorrent li kieku ma nqabizx fil-promozzjonijiet msemmija llum kien ikun eligibbli ghall-promozzjoni ta’ Warrant Officer ma fih l-ebda sinifikat ghaliex fir-rank li hu jokkupa llum xorta wahda huwa eligibbli ghall-fini tal-promozzjoni msemmija, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli cioe’ l-avviz legali 91 tal-1990 li jigbor fih in-Nomini u l-Kundizzjonijiet tas-Servizz tal-Forzi Armati ta’ Malta.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li fl-1 ta’ April 1979 beda jahdem mal-Forzi Armati bhala Bumbardier fil-Fire Section fl-ajruport ta’ Hal Luqa u kellu n-numru 17816. Qabel ma beda mal-Forzi Armati u cioe` minn Jannar 1961 kien impjegat mal-Royal Air Force fil-Fire Section bhala Leading Air Craftsman. Mill-10 ta’ Marzu 1964 sal-31 ta’ Marzu 1979, kien impjegat mal-Ministry of

Defence bhala Domestic Fireman fejn kien segwa kors ta' tahrig gewwa l-Ingilterra ghal Potential section leader course u iehor f'Airfield Crash Fire Fighting and Rescue.

Fit-23 ta' Jannar 1992 gie promoss ghar-rank ta' Surgent wara li saru rakomandazzjoni mill-Maggur Emanuel Pantalleresco li dak iz-zmien kien il-Commanding Officer tal-Fire Section. Semma li fil-11 ta' Mejju 1988 Angelo Muscat u Charles Borg li t-tnejn kienu Gunners gew promossi ghall-Surgenti. Qal li l-kariga ta' Gunner hija zewg gradi anqas minn dik ta' Bumbardier u tliet gradi anqas minn ta' Surgent. Sostna li Angelo Muscat kien ha l-kariga ta' Warrant Officer f'Jannar 1992 jigifieri f'4 snin qabez hames gradi minn Lance Bumbardier, Bumbardier, Surgent, Staff Sergeant u Warrant Officer. Muscat beda jahdem mal-Forzi Armati fl-1 ta' April 1979 fil-kariga ta' Gunner, jigifieri fl-istess gurnata li beda r-rikorrent. Charles Borg beda mal-Forzi Armati xi sena u nofs wara r-rikorrent, fil-kariga ta' Gunner.

Il-Kummissjoni ta' l-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji kienet investigat dan il-kaz ghax ma kienx korrett. B'referenza ghar-risposta li giet prezentata mill-Forzi Armati fejn inghad li l-principju li l-Officer Commanding tal-Fire Section jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu ibbazati fuq present capabilites ta' kull membru u jigu elenkati skond ordni ta' mertu ghall-promozzjoni fir-rank li jmiss qal li kieku dawk iz-zewg minn nies gew promossi fir-rank Lance bumbardier ghaliex huma kienu Gunners. Qal li l-Commanding Officer jista' jikkonferma li dawn il-promozzjonijiet ma sarux fuq bazi ta' present capabilites kif gie konfermat ukoll mir-risposta ta' l-istess Forzi Armati fejn inqtal li "f'dan l-ezercizzju kien gie stabbilit li fl-1988 fost ohrajn kienu jezistu zewg vakanzi ghall-promozzjoni minn bumbardier ghal surgent". Fil-fatt il-promozzjoni kellha ssir mill-kariga ta' Bumbardier ghal Surgent u mhux mill-kariga ta' Gunner ghal Surgent. Semma li minkejja l-ezercizzju li rrefera ghalih l-intimat fir-risposta tieghu, Muscat u Borg xorta baqghu jokkupaw il-kariga ta' Surgent u ma gewx demoted. B'hekk Muscat u Borg gew seniors tieghu.

Qal li Borg u Muscat ma setghux kienu kwalifikati aktar minnu, peress li Borg kien ghadu izghar minnu fl-eta' u kien mar fil-Fire Section fl-1980. Semma li kellhom esperjenza fil-fire fighting izda mhux daqsu. Qal li ma jafx ghalfejn Muscat u Borg inghataw promozzjoni.

Emanuel Pantalleresco pprezenta affidavit fejn semma li hu membru tal-Forzi Armati u ilu jokkupa r-rank ta' Maggur mill-1981. Hu jokkupa l-kariga ta' Chief Fire Officer u jahdem gewwa l-ajruport ta' Hal-Luqa u ilu jokkupa din il-kariga mill-1 ta' April 1979. Fil-prezent qieghed fuq early retirement leave. Ikkonferma li l-firefighters li jahdmu fit-taqsima tat-tifi tan-nar ta' l-ajruport u tal-heliport gewwa Ghawdex jaqghu taht ir-responsabbilita` tieghu. Semma li lir-rikorrent jafu fuq il-post tax-xoghol bhala Acting Crew Commander bhala haddiem biezel, dedikat f'xoghlu u dejjem ghamel xoghlu u qatt ma nghata warnings. Fl-Armata r-rikorrent jokkupa l-kariga ta' Surgent bin-numru 17816.

Ir-rikorrent kien senior ta' Charles Borg u Angelo Muscat qabel ma gew promossi ghall-kariga ta' Surgent fl-1989. Qal li ma ta ebda rakkomandazzjoni u ma kellu x'jaqsam ma' dawn il-promozzjonijiet. Qal li bhala Commanding Officer/Chief Fire Officer is-soltu kien irid jaghti rakkomandazzjoni tan-nies li ghandhom jinghataw il-promozzjoni lid-Direttur Generali tal-Avjazzjoni Civili u dan jghaddi r-rapport lill-Brigadier tal-Forzi Armati, izda f'dan il-kaz u fl-1992 hu ma giex mitlub jaghmel rakkomandazzjoni.

Sostna li Muscat u Borg inghataw promozzjoni minn Gunner ghal Surgent, meta r-rikorrent kien Bumbardier. Qal li wara l-kariga ta' Gunner hemm Lance Bombardier u wara Bombardier. Fl-1992 Muscat rega' nghata promozzjoni u minn Surgent sar Warrant Officer u anke f'dan il-kaz ma ntalabx jaghmel rakkomandazzjoni. Qal li Muscat u Borg kienu jahdmu fl-istess sezzjoni u ma kellhomx xi kwalifiki aktar minn tar-rikorrent. Kieku gie mitlub biex jaghmel rakkomandazzjoni dwar Muscat u Borg fl-1989 qal li zgur li ma kienx jaghmilha.

Ikkonferma li hu kien jimxi fuq bazi ta' seniority u kien jikkunsidra l-kompetenza tal-persuna li nkun qieghed jirrakomanda ghall-promozzjoni. Parti mix-xoghol tar-rikorrent kien li jissorvelja lil dawk ta' tahtu u qal li kieku gie mitlub zgur kien jirrakomanda lir-rikorrent biex jinghata promozzjoni fl-1989 ghall-kariga ta' Surgent. Qal li Muscat u Borg qabzu hafna nies.

Xehed <u>Lt. Col. Mario Schembri</u> li qal li Angelo Muscat u Charles Borg kienu fil-kariga ta' Gunners u gew promossi ghal Surgenti. Il-karigi fil-Forzi Armati huma ta' Gunner, Lance Bumbardier, Bumbardier, Surgent, Staff Sergeant, Warrant Officer II u Warrant Officer I. Jekk dawn kienu ghadhom mal-Forzi Armati fl-1998 gew trasferiti mal-MIA bhala civilians. In-numru li jkollu warajh persuna fl-armata huwa n-numru ta' l-enlistment. Dan in-numru jinghata fil-gurnata li jigi ngaggat persuna ma' l-armata. Qal li fil-kaz ta' Gunner biss in-numru qieghed f'indikazzjoni ta' seniority.

Qal li Muscat u Borg dahlu fil-kariga ta' Gunner fl-1 ta' Dicembru 1980 u gew promossi ghal Surgent fil-promozzjonijiet ta' l-1988. Semma li fil-Fire Section kellhom rank wiehed nieqes li kien ta' Lance Bumbardier. Mid-dokumenti u l-verifiki li ghamel, fil-Fire Section qatt ma kien hemm il-promozzjoni ghal Lance Bumbardier. Muscat u Borg gew promossi minn kariga ta' Gunner ghal Surgent u dawn kienu l-unika zewg kazijiet li jaf bihom. Semma li sa fejn jaf hu Muscat biss kien lahaq Warrant Officer u kien l-ewwel wiehed mil-lista tal-Gunners l-iktar wiehed senior. Qal li ghalkemm Muscat kien is-senior tal-Gunners xorta kien junior tar-rikorrent peress li r-rikorrent kien diga` Bumbardier. Borg ukoll kien jigi iktar junior minn Muscat.

Ipprezenta Dokument MS1 li hija ittra mibghuta lill-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta fil-5 ta' Ottubru 1993 mid-Director General fejn fiha avza lill-Prim Ministru illi l-Kummissjoni kienet ordnat illi l-Officer Commanding tal-Fire Section flimkien mad-Director of Civil Aviation kellhom jergghu jaghmlu ezercizzju mill-gdid u kellhom jaghmlu rakkomandazzjonijiet godda u dan l-ezercizzju

kien sar. Ipprezenta Dok MS2 illi hija ittra mibghuta lill-Brigadier Calleja fejn id-Direttur Generali ta' l-Avjazzjoni Civili baghat ir-rizultat tar-revision exercise u maghha ehmez zewg appendix li juru l-lista skond il-mertu ta' Gunners ghal Bombardier u minn Bumbardiera ghal Surgenti. Ipprezenta Dok MS 3 li hija ittra lill-Kmandant mid-Direttur Generali fejn qallu li l-Prim Ministru ddecieda li l-promozzjonijiet li kienu se jinghataw b'dan ir-revision exercise kellhom ikunu limitati ghal 5 Gunners ghal-Bumbardier u 2 Bumbardiera ghal Surgent, u l-ghazla setghet issir minn dawk li pprezentaw ilment quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

L-ewwel hamsa kienu Debattista, Attard, Caruana, Cauchi u Hili. Minn Bumbardiera ghal Surgenti kienu Muscat u Wait. Ir-rikorrent fl-1992 kien gie promoss ghal Surgent u ghaldaqstant ismu ma jidhirx minhabba li kien diga` ha l-kariga ta' Surgent. Iz-zewg Bumbardiera Muscat u Wait li effettivament hadu l-promozzjoni backdated fl-1988 kienu fil-fatt senior tar-rikorrent fl-1988. Ipprezenta Dok MS4 li hija silta minn ittra tal-Kummissjoni fejn tghid illi l-Kummissjoni investigat kazi simili u zammet mad-decizjoni li kull min qed jippretendi li sofra ingustizzja minhabba li shabu gew promossi minhabba li ressqu lment fl-1988 quddiem il-Kummissjoni, dawn ma setghux bl-ebda mod iqisu li saret ingustizzja maghhom ghax ma kienux ressqu ilment huma wkoll.

Fl-1993 ir-rikorrent kien diga` surgent u dawk in-nies li kienu nghataw il-promozzjoni, fl-1992 hadd minnhoim ma gie demoted. Dwar l-ezercizzju minn Pantalleresco ma jafx sarux interviews jew le.

**KONLUZJONIJIET:**

Illi minn ezami tad-deposizzjonijiet moghtija kif ukoll tad-dokumenti esebiti jirrizulta car illi fil-fatt meta sar il-promotion exercise precedenti dan kien assulutament zbaljat b’mod assolut kif qalet l-istess Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji u fil-fatt il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet li ma tistax hlief tinficjah. Issa rrizulta li r-rikorrrent kien persuna abbli, responsabbli, dedikat u obbidjenti u gie konfermat minn kull xhud. Il-Maggur

Pantalleresco xehed li lir-rikorrent jafu fuq il-post tax-xoghol bhala Acting Crew Commander bhala haddiem biezel, dedikat f'xoghlu u dejjem ghamel xoghlu u qatt ma nghata warnings…. Ir-rikorrent kien senior ta' Charles Borg u Angelo Muscat qabel ma gew promossi ghall-kariga ta' Surgent fl-1989. Qal li ma ta ebda rakkomandazzjoni u ma kellu x'jaqsam ma' dawn il-promozzjonijiet u sostna li Muscat u Borg inghataw promozzjoni minn Gunner ghal Surgent, meta r-rikorrent kien Bumbardier. Zied li Muscat u Borg kienu jahdmu fl-istess sezzjoni u ma kellhomx xi kwalifiki aktar minn tar-rikorrent. Kieku gie mitlub biex jaghmel rakkomandazzjoni dwar Muscat u Borg fl-1989 qal li zgur li ma kienx jaghmilha.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal "Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Fil-kaz in ezami certament it-Tribunal ma jistax iqis li kien hemm xi kwalitajiet negattivi fir-rikorrent li jiggustifikaw li din il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni ghax hlief tifhir ma kienx hemm fuqu. Ghalhekk certament tirrizulta l-ingustizzja kif definita fil-Kapitolu 394.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni ta' l-intimat, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' surgent b'effett minn Mejju 1988 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni

dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.

---------------------------------TMIEM---------------------------------